KLR 22/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 26 ta’ Settembru 2014 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membri Joseph Debrincat u Maria Portelli.

Minħabba li s-Sindku ma setax jattendi mill-bidu tal-laqgħa, il-Viċi Sindku beda’ jippresiedi u sar xi tibdil fl-ordni tal-punti tal-aġenda.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għall:-

2.1 *double yellow lines* quddiem l-entratura tal-Kappella ta’ Santa Martha fi Trq l-Arċisof Pietru Pace;

2.2 parkeġġ għall-persuni b’diżabilita’ fi Triq taħt Putirjal;

2.3 *road hump* fi Triq Francesco Masini;

2.4 *parking bays* fi Triq it-8 ta’ Diċembru;

2.5 *one metre double yellow lines* fil-ġnub ta’ 69, Triq il-Kunsill Ċiviku;

2.6 *keep clear parking bay* quddiem *Mediterranean Bank* fi Triq Repubblika.

Ma nħariġx permess għall-

2.7 *no parking for heavy vehicles* fi Triq Patri Anton Debono;

2.8 1.5m *keep clear bay* quddiem *Papillon Hair Salon* fi Triq Ninu Cremona.

2.9 Il-membri qalbu li l-Kunsill għandu jitlob lill-TM dettalji dwar it-t*raffic management* li qed isir filgħodu fl-*area* ta' Pjazza San Franġisk u kif il-Kunsil ma ġiex ikkonsultat.

2.10 Residenti fi Triq Wied is-Seqer u Triq Forn il-Ġir issuġġerew li l-parti ta' quddiem l-uffiċini tal-*Pulbic Works* fi Triq ta' Wara s-Sur titħalla miftuħa sakemm jitlesta l-proġett ta' Pjazza Savina u Pjazza Indipendenza. Il-membri ma qablux. Din tkun magħluqa biss bejn is-07.30 u s-13.00. Il-karozzi tal-linja jistgħu jibqgħu jgħaddu l-ġurnata kollha u fil-Ħdud u l-festi din il-parti tat-triq ma tingħalaqx.

**3. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

3.1 il-Gozo Action Group (GAG) dwar l-applikazzjoni għall-fondi taħt miżura 313 – *Encouragment of Tourism Activities* - it-tieni sejħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li billi l-GAG baqalha l-fondi taħt din il-miżura, l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet aċċettata;

3.2 Mario Galea rigward it-tneħħija ta' bozza minn Triq Karolina Cauchi. Billi hemm id-dlam il-membri qablu li ssir bozza ġdida fuq arblu. Għandha tintalab l-istima skont ir-rati tal-kuntratt;

3.3 il-Familja Attard rigward suġġeriment sabiex isiru żweġ bozzoz fi Triq is-Sellum, waħda mal-post li qed jibnu huma u oħra fuq arblu eżistenti. L-enġiniera tad-dawl għandu jintalbu parir;

3.4 Anthony Muscat li lmenta fuq il-materjal li qed jintrema biswit il-*bring-in site* fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Matul dan is-sajf il-Kunsill irċieva bosta lmenti fuq din il-*bring-in site*. Minn naħħa tal-*Green Pak* il-Kunsill ġie mgħarraf li biswit il-*bins* jitnaddaf kuljum u affarijiet *bulky* jiġborhm il-kuntrattur tal-Kunsill. Id-Direttur għall-Gvern Lokali għarraf ukoll lill-Kunsilli kollha li billi l-kuntratt tal-*bring-in sites* li kien ġie iffirmat mal-Wasteserv għalaq fil-31 ta' Lulju 2014, il-*bins* saru propjeta' tal-kunsilli lokali. Abbażi ta' dan kollu l-membri qablu li din il-*binrg-in site* titneħħa u l-*bins* jiżdiedu fil-parkeġġ il-kbir;

3.5 Daniel James Cassar kap tal-iskola Sir M. A. Refalo Post-Scondary, li talab sabiex jitpoġġa *skip* żgħir ħdejn l-entratura tal-iskola. Il-membri ma qablux peress li dan ikun lok ta' aktar abbuż minn min ikun irid jarmi l-iskart illegalment;

3.6 is-Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet fi Triq Palma fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bil-ħinijiet il-ġodda tad-duttrina. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-gwardjani lokali ġew infurmati b'dan permezz tar-Reġjun t'Għawdex minħabba l-fatt li minn Triq Palma, li f'dan il-ħin tkun miftuħa biss għar-residenti, qed jidħlu bosta vetturi mhux awtorizżati;

3.7 il-*British Residents Association* f'Għawdex li talbu għanjnuna finanzjarja minħabba li qed jorganiżżaw attivitajiet sabiex tiġi kommemorata l-mitt sena mill-ewwel gwerra dinjija. Billi dan imur kontra l-proċeduri tal-Kunsill Lokali, il-membri ma jistgħux jaċċettaw din it-talba;
3.8 Ġiovanni N Żammit rigward n-*no entry for heavy vehicles* fil-passaġġ ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li t-tabelli weħlu u l-ħsara fil-kanni tal-ħadid tranġat;

3.9 Fr Joseph Libreri, Gwardjan tal-Kunvent tal-Kapuċċini fejn issuġġerixxa li triq ġdida li tinfed fi Triq Wied is-Seqer tissemma Triq Fra Baskal Farruġia, Kapuċċin. Il-membri qablu li l-Kumitat għall-ismiijet tat-toroq għandu jiġi mgħarraf b'dan;

3.10 Joeseph Vella Gauci, *Chairperson* tal-Kumitat tac-ċelebrazzjinijiet Nazzjonali u Reġjoanli fi ħdan it-Taqsima tal-Kultura. Intalab sabiex issir laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġu esplorati aspetti ta' kollaborazzjoni u l-organiżazzjoni tal-Karnival. Il-membri qalbu li ssir din il-laqgħa.

Is-Sindku daħal fil-kamra u ppresieda l-laqgħa.

**4. Rapport tal-Bord tal-intervisti għal-Skrivan Skala 15 *back-to-back***

Il-Kunsillier Marcel Tabone ħareġ mill-kamra sakemm ġiet diskussa din il-materja minħabba kunflitt ta' nteress.

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet ir-rapport tal-Bord tal-Għażla. Dan skont dokument A anness. Il-persuna l-aktar li ġabet punti hi Georgene Tabone u l-membri tal-kunsill qablu li għandhom joqgħodu fuq il-parir tal-bord u tintgħażel is-Sinjorina Tabone bħala skrivana *full-time* fuq skala 15 *back-to-back*. Din għandu tibda mill-1 ta' Ottubru 2014.

***5. Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

Tressqet korrispondenza relatata mingħand:-

5.1 l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol rigward ordni ta' twaqqif tax-xogħol minħabba nuqqas ta' prekawzjonijiet ta' miżuri ta' sigurta' fuq is-sit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li x-xogħol kien ser jitwaqqaf sakemm jittieħdu l-miżuri neċessarji u l-Awtorita' tispezzjona l-post. Wara li saret din l-ispezzjoni x-xogħol tkompla kif proġettat:

5.2 l-Av Carmelo Galea li kiteb għan-nom ta' diversi bejjiegħa tal-Monti. Dawn talbu inforamazzjoni rigward il-proġett u kif dan jista' jaffetwa l-għixien tagħhom. Din l-ittra għandha tirrispondiha l-Avukat tal-Kunsill;

5.3 Dr Christian Zammit mill-Minsiteru għal Għawdex li talab li l-Ministeru jkollu membru *observer status* li jattendi l-laqgħat li jsiru mal-kuntrattur tal-proġett. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

5.4 Josmar Farruġia li talab sabiex fi Pjazza Savina quddiem il-ħanut numru 9, jingħata spazju quddiem il-ħanut biex jintuża għall-imwejjed u s-siġġijiet. Il-membri qablu basta ma jiġux affettwati l-parkeġġi.

5.5 Tressaq ir-rapport tal-Perit rigward offerta 07/2014 għat-tibdil tad-dranaġġ u serivizzi tal-ilma u komunikazzjonijeit tal-ilma mad-djar residenzjali. Din issottomettija biss Gatt Enterprises Ltd. għall-prezz ta' €255,570.00. Billi r-rati huma għola minn dawk tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, l-membri qablu li din l-offerta ma tingħatax.

5.6 Il-membri qablu li l-bejjiegħa tal-monti jiġu avżati ħmistax qabel jinbed x-xogħol fi Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill ser jagħmel il-preparamenti kollha sabiex meta ma jkunux jistgħu jarmaw fit-Tokk ikunu jistgħu jarmaw fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Dan jinkludi wkoll il-bejjiegħa tal-ħut.

5.7 Qablu wkoll li jintalab il-permess ta' *Transport Malta* sabiex il-parkeġġ ta' Pjazza Savina jkun jkun jista jintuża għall-ipparkjar ta' 15 'il minuta biss.

## 6. Approvazzjoni tal-Kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Settembru u Ottubru 2014. Dan skont dokument B u Ċ annessi.

## 7. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena

Il-membri qalbu li l-*bands* li ser jipparteciapw fl-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena jkunu l-*WinterMoods*, *Melanie*, *Olimpus* u *Straight Ahead*. Jekk jibqa' ħin jidħlu dawn li ġejjin b'din l-ordni:- *Brass Tubes*, *D Capitals*, *Upper Lip* u *Viral Vibe Drums*.

## 8. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

8.1 wara l-istima li taw fuq l-assikurazjzonijiet tal-kunsill, tintgħażel l-*allCare Insurance*. L-assikurazzjonijiet għandhom jibdew jitħallus mill-1 ta' Ottubru 2014 u t-total għal-sena hu ta' €1,389.47;

8.2 tinħareġ *no objection* sabiex trukk kbir tal-ikel ta' Jean Paul Portelli jkun jista' jarma fil-parkeġġ il-kbir n-naħħa tal-grawnd Leli Farruġia. Dan bil-kundizzjonijiet li jintrama biss bil-*week-ends* u wara l-17.00, it-trukk jitneħħa kull fil-għaxija, il-post jitħalla dejjem fl-istat oriġinali tiegħu u l-Kunsill jista jirrevoka din in-*no objection*;

8.3 tinħareġ *no objection* sabiex trukk kbir tal-ikel ta' Brandon Meilak jkun jista' jarma fil-parkeġġ il-kbir n-naħħa ta' Triq Salvatore Psaila u taħt il-*Bus Terminus*. Dan bil-kundizzjonijiet li jintrama biss bil-*week-ends* u wara l-17.00, il-post jitħalla dejjem fl-istat oriġinali tiegħu, sid it-trukk josserva t-tabelli tat-traffiku li hemm fis-sit u l-Kunsill jista' jirrevoka din in-*no objection*;

8.4 jinħareġ permess ta’ *one day event* għall-*Oasi Raod Race & Walk for a Healthy Lifestyle* li ser issir nah il-Ħadd 2 ta’ Novembru 2014;

8.5 jinħareġ permess ta’ *one day event* sabiex issir stand fi Triq Fortuanto Mizzi mill istudenti tas-*6th form*;

8.6 jinħareġ permess ta’ *one day event* sabiex issir *Entrepreneurship Week* fil-parkeġġ ta’ bisiwit l-Arkadia orgnaiżżata mill-*Young Business Entrepreneurs* bejn l-24 u l-25 ta’ Ottubru 2014;

8.7 jinħareġ il-permess għall-depożitu/jew użu ta’ krejn jew makkinarju fil-parkeġġ tal-isptar in-naħħa tal-Konservatorju tal-Isqof sabiex jitpoġġew planki li wara ser jintużaw f’din l-iskola. Dan il-permess hu validu sal-15 ta’ Diċembru 2014;

8.8 għas-sejħa nterna għall-EO Skala 13 applika biss Joebert Galea u l-membri qablu li din tingħata lis-Sur Galea mill-1 ta’ Ottubru 2014;

8.9 l-Kunsill jistaqsi fuq il-bozza li reġgħet weħlet fil-passaġġ ta’ bejn Triq Kerċem u Triq Wied il-Lunzjata. Din kienet tneħħiet sakemm inbenda post tal-familja Bajada. Sid il-post ta’ biswit li jismu ‘Kerċuwa’, qed jigħd li l-bozza ma jridiex fejn weħlet issa;

8.10 l-Kunsill jipparteċipa fi proġett tal-Unjoni Ewropea ‘*Europea Creativa – La democrazia della musica’*. Dan jinvolvi diversi Kunsilli mill-Emiglia Romagna u minn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea;

8.11 jkollhom aktar dettalji fuq l-ammont ta’ anzjani Rabtin li dattendu d-*Day Care Centre*. Il-kuntratt li għadu kif ġie ffirmat għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 31 ta’ Ottubur 2014 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |